

Brussell, 15 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14263/17

FSTR 78
FC 87
REGIO 111
SOC 717
AGRISTR 104
PECHE 438
CADREFIN 115

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	15 ta' Novembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13860/17	
Suġġett:	Sinerġiji u Simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (15 ta' Novembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Sinerġiji u Simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020", adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-15 ta' Novembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sinerġiji u Simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Novembru 2016 dwar ir-Riżultati u l-Elementi Ġodda tal-Politika ta' Koeżjoni u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej¹ u tal-25 ta' April 2017 dwar Lejn Politika ta' Koeżjoni aktar effettiva, rilevanti u viżibbli għaċ-ċittadini tagħna²;
- (2) JIEĦU NOTA tal-Konklużjonijiet Finali u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli (HLG) dwar is-Simplifikazzjoni għal wara l-2020³;
- (3) JINNOTA li dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ma jippreġudikaw la l-eżitu tan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur tal-UE u lanqas dak ta' diskussjonijiet futuri dwar aspetti oħra tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020;

I. Sinerġiji, komplementarjetà u armonizzazzjoni

- (4) JIEĦU NOTA li waqt l-istrumenti baġitarji kollha tal-UE, inkluż il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE) differenti għandhom il-missjoni partikolari tagħhom, għandhom jintużaw b'mod komplementari u konsistenti sabiex jinkisbu l-oġettivi tal-UE; JISSOTTOLINJA li l-istrumenti differenti tal-UE għandhom jikkomplementaw lil xulxin, u għalhekk JAPPELLA lill-Kummissjoni biex twettaq analiżi bir-reqqa tal-komplementarjetajiet u d-duplikazzjoni bejn l-istrumenti tal-UE bi tħejjija għall-perijodu ta' wara l-2020 bil-ħsieb li jissaħħu s-sinerġiji bejniethom;

¹ Dok. 14542/16.

² Dok. 8463/17.

³ http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/reports/2017/esif-simplification-hlg-proposal-for-policymakers-for-post-2020.

- (5) JENFASIZZA li fl-ispirtu ta' regolamentazzjoni aħjar, l-istruttura legali għal Fondi SIE, kif ukoll kwalunkwe programm ieħor rilevanti tal-UE, għandhom jiffasslu sa mill-bidu nett billi jittqiesu s-sinerġiji, il-koerenza u l-komplementarjetà; filwaqt li jittieħed kont tal-oqsma differenti ta' politika indirizzati mid-diversi Fondi SIE;
- (6) JIKKUNSIDRA li l-armonizzazzjoni tar-regoli lejn regoli aktar sempliċi fl-istrumenti tal-UE, fejn xieraq, tikkontribwixxi biex tittejjeb iċ-ċarezza tar-regoli għall-benefiċjarji u għaldaqstant tnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-istituzzjonijiet li jiġġestixxu l-fondi;
- (7) JISSOTTOLINJA li proġetti simili għandhom jiġu trattati b'mod simili, irrispettivament mis-sors ta' finanzjament fi ħdan il-baġit tal-UE jew mill-mod ta' ġestjoni; JIKKUNSIDRA li allinjament ulterjuri tar-regoli ta' finanzjament huwa meħtieġ ukoll sabiex jiġu pprovduti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal proġetti simili taħt modi ta' ġestjoni differenti, inkluż għall-istrumenti finanzjarji;
- (8) JENFASIZZA għalhekk li:
- Għandu jiġi kkunsidrat sett ta' regoli ewlenin issimplifikati u komuni Ewropej irrispettivament mill-mod ta' ġestjoni għal wara l-2020, kif propost mill-HLG, filwaqt li jiġi evitat li dan l-allinjament iwassal għal regoli aktar ikkumplikati taħt kwalunkwe mod ta' ġestjoni jew strument tal-UE; JISSOTTOLINJA, madankollu, li l-proċess ta' tħejjija għal dawn ir-regoli ewlenin għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni mal-Istati Membri, ir-reġjuni u l-esperti tas-setturi kkonċernati f'konformità mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar;
 - L-applikazzjoni u l-infurzar tal-konformità tar-regoli ta' kompetizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern għandhom jipprevedu trattament konsistenti ta' proġetti simili fil-baġit kollu tal-UE irrispettivament mill-mod ta' ġestjoni, filwaqt li jittieħed kont tal-ispeċifitàjiet tas-settur agrikolu u dak tas-sajd;

II. Is-simplifikazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u l-Fondi SIE wara l-2020

- (9) HUWA KONXJU li l-ammont u l-kumplessità tar-regoli introdotti għall-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 jibqgħu ta' sfida għall-benefiċjarji u l-awtoritajiet tal-Istati Membri, u JIBQA' IMPENJAT lejn simplifikazzjoni sostanzjali ta' dawn ir-regoli;
- (10) JENFASIZZA li regoli kumplessi u estensivi huma waħda mill-kawżi ewlenin għall-iżbalji u jikkontribwixxu għal dewmien taħt il-politika ta' koeżjoni u li s-simplifikazzjoni ta' dawn ir-regoli, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali, ser tgħin biex qabelxejn jiġu prevenuti żbalji u dewmien, u għalhekk jitnaqqas ir-riskju finanzjarju u l-piż amministrattiv assoċjat mal-iżbalji u l-korrezzjonijiet finanzjarji;
- (11) JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jkun hemm diviżjoni ċara ta' responsabbiltajiet bejn il-livell tal-UE u l-livell nazzjonali u osservazzjoni aktar stretta tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, ibbażata fuq il-fiduċja reċiproka; JAPPOĠĠA f'dan il-kuntest applikazzjoni effettiva tal-approċċ ta' awditu uniku, li jnaqqas il-piż tal-kontrolli kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-amministrazzjonijiet nazzjonali;
- (12) JIRRIKONOXXI li s-simplifikazzjoni tar-regoli tal-implimentazzjoni u tal-kontroll tagħti lok biex ikun hemm aktar enfasi fuq ir-riżultati, u b'hekk tikkontribwixxi kemm għall-kosteffiċjenza kif ukoll għall-effettività tal-politika;
- (13) JILQA' f'dan l-isfond ir-rakkomandazzjoni tal-HLG għal sistema ta' implimentazzjoni ferm aktar sempliċi u aktar iffokata wara l-2020, li tnaqqas il-leġislazzjoni estensiva u l-gwida tal-Kummissjoni dwar il-Fondi SIE, u b'hekk tittejjeb l-effettività u l-effiċjenza u tiġi evitata l-mikroġestjoni ta' dawn il-fondi fil-livell tal-UE;
- (14) JAPPELLA lill-Kummissjoni fit-tħejjija tagħha għall-proposti leġislattivi għall-perijodu ta' wara l-2020 biex, *inter alia*:

- a) Tfassal, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, qafas legali għall-perijodu ta' wara l-2020, li japplika b'mod rigoruż il-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità u jiffoka fuq il-kisba ta' tnaqqis sostanzjali, iżda mmirat, tal-kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' dettall tar-regolamentazzjoni attwali, filwaqt li jiggarrantixxi, kemm jista' jkun possibbli, l-istabbiltà u l-kontinwità ta' sistemi ta' implimentazzjoni diġà stabbiliti;
- b) Tippermetti l-kontinwità għall-awtoritajiet maħtura jew akkreditati biex iwettqu funzjonijiet ta' ġestjoni, ċertifikazzjoni u awditjar matul il-perijodu 2014-2020, u li l-kapaċità tagħhom diġà ġiet ippruvata, biex ikunu jistgħu jkomplu l-funzjonijiet tagħhom fil-perijodu ta' programmazzjoni li jmiss mingħajr interruzzjoni jew dewmien;
- c) Toħloq kondizzjonijiet aħjar għat-taħlita ta' għotjiet u strumenti finanzjarji u tissimplifika l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji billi tqarreb ir-regoli aktar lejn il-prattiki tas-soltu tas-suq finanzjarju;
- d) Taħdem lejn sistema aktar sempliċi u aktar koerenti ta' indikaturi li tippermetti lil dawk li jfasslu l-politika biex jivvalutaw aħjar l-effetti ta' Fondi differenti u jitgħallmu mill-esperjenza, filwaqt li jiġu rispettati l-ispeċifikitajiet ta' dawn il-Fondi u s-simplifikazzjoni tar-rappurtar;
- e) Tagħmel sforzi biex jiġi stabbilit sett uniku ta' regoli sempliċi, ċari u ħfief għall-Fondi SIE, u tikkunsidra l-allinjament ulterjuri u reċiproku tar-regoli tal-Fondi SIE mar-regoli li japplikaw għal strumenti oħrajn tal-UE, fejn xieraq, filwaqt li tqis il-ħtieġa tat-trattament konsistenti ta' proġetti simili, kif ukoll il-missjonijiet speċifiċi tal-Fondi kif jinsabu fit-Trattat;
- f) Tivvaluta mill-ġdid ir-rwol tal-Ftehimiet ta' Sħubija u programmi, bl-għan li jissaħħaħ il-valur strateġiku tagħhom u tiġi evitata d-duplikazzjoni bejniethom, b'kont meħud tal-esperjenzi u l-ispeċifikitajiet tal-Istati Membri u r-reġjuni;
- g) Iżżomm u tinkoraġġixxi approċċ integrat fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni skont il-politika ta' koeżjoni, inkluż il-possibbiltà li jitħejjew programmi operazzjonali ffinanzjati minn diversi fondi;

- h) Tikkunsidra sett ta' kondizzjonalitajiet ex ante rilevanti aktar iffokati u ssimplifikati u tanalizza jekk u kif kondizzjonalitajiet ex ante speċifiċi għall-pajjiż imfasslin apposta u mmirati jistgħu jintużaw biex tittejjeb l-effettività tal-Fondi SIE, filwaqt li jiġi żgurat approċċ konsistenti madwar l-UE;
 - i) Tikkunsidra li tuża t-tweqqi tal-kondizzjonalitajiet ex ante bħala indikazzjoni li s-sistemi nazzjonali u reġjonali fl-oqsma koperti mill-kondizzjonalitajiet ex ante rispettivi qed jiffunzjonaw tajjeb mingħajr ma jitpoġġew rekwiżiti ta' kontroll u ta' konformità addizzjonali speċifikament fuq l-awtoritajiet li jġestixxu l-Fondi SIE;
 - j) Tikkunsidra l-introduzzjoni ta' sistema ta' implimentazzjoni aktar sempliċi bbażata fuq l-applikazzjoni effettiva tal-proporzjonalità, id-dipendenza fuq ir-regoli nazzjonali u fuq sistemi nazzjonali u reġjonali li qed jiffunzjonaw tajjeb, li tista' tiġi adottata mill-Istati Membri u r-reġjuni kollha fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti, oġġettivi u miżurabbli;
 - k) Ittejjeb iċ-ċarezza, iċ-ċertezza legali u l-konsistenza fl-applikazzjoni tar-regoli orizzontali tal-UE, partikolarment fil-qasam tal-akkwist pubbliku;
- (15) ITENNI l-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' April 2017 fejn stieden lill-Kummissjoni biex tfittex id-djalogu ta' politika mal-Istati Membri fil-proċess ta' tħejjija għall-perijodu ta' wara l-2020, u jappella lill-Kummissjoni biex tissottometti l-proposti tagħha għall-politika ta' koeżjoni wara l-2020 mill-aktar fis possibbli fl-2018;
- (16) JENFASIZZA l-ħtieġa ta' transizzjoni mingħajr xkiel bejn il-perijodi ta' programmazzjoni;
- (17) JIBQA' IMPENJAT lejn dibattitu politiku regolari bejn il-ministri rilevanti fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali biex jiġu diskussi l-politika ta' koeżjoni u l-Fondi SIE;
- (18) IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' April 2017 li huma meħtieġa aktar sforzi mill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex tiżdied il-viżibbiltà u l-immaġni pożittiva tal-politika ta' koeżjoni u l-Fondi SIE, u JINKORAĠĠIXXI l-progress f'dan il-qasam.
-